**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Ġunju 2011 –
Territorio Histórico de Vizcaya –
Diputación Foral de Vizcaya et vs Il-Kummissjoni**

(Kawżi magħquda C-465/09 P sa C-470/09 P)

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Rikors għal annullament — Deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE — Deċiżjonijiet finali sussegwenti li jikkonstataw l-inkompatibbiltà mas-suq komuni tal-iskemi ta' għajnuna mill-Istat implementati minn Spanja fl-1993 favur ċerti impriżi ġodda stabbiliti fil-provinċja ta' Álava, ta' Vizcaya u ta' Guipúzcoa — Eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji — Lis alibi pendens — Kunċett ta' 'għajnuna awtorizzata' — Aspettattivi leġittimi — Osservanza ta' terminu raġonevoli — Nuqqas ta' notifikazzjoni"

1. *Appell — Aggravji — Kontestazzjoni, li terġa' tinvoka motivi u argumenti mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali, tal-interpretazzjoni jew tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula minnha — Ammissibbiltà (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1)(ċ)) (ara l-punti 78, 79, 82)*

2. *Proċedura — Preżentazzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Kundizzjonijiet — Motiv ġdid — Kunċett (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 48(2)) (ara l-punt 84)*

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Għajnuna eżistenti u għajnuna ġdida — Klassifikazzjoni bħala għajnuna eżistenti — Kriterji — Miżuri ta' għajnuna mhux innotifikati — Awtorizzazzjoni sempliċement minħabba s-skiet tal-Kummissjoni — Esklużjoni (Artikolu 88(3) KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu (1)(b)(ii)) (ara l-punti 90, 91, 94-97)*

4. *Appell — Aggravji — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tar-rifjut tal-Qorti Ġenerali li tordna miżuri istruttorji — Portata (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 66(1)) (ara l-punti 108-110)*

5. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Eżami mill-Kummissjoni — Kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni — Evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' għajnuna mhux innotifikata fid-dawl tal-linji gwida adottati wara li din l-għajnuna ngħatat — Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali — Assenza — Ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività — Assenza (Artikoli 87 KE u 88 KE; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 98/C 74/06) (ara l-punti 120-128)*

6. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Għajnuna mogħtija bi ksur tar-regoli proċedurali tal-Artikolu 88 KE — Aspettattivi leġittimi possibbli tal-benefiċjarji — Protezzjoni — Kundizzjonijiet u limiti — Nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni matul perijodu relattivament twil — Awtoritajiet nazzjonali li jiksru d-dmir tagħhom ta' kollaborazzjoni mal-Kummissjoni — Nuqqas ta' aspettattivi leġittimi (Artikoli 87 KE u 88 KE) (ara l-punti 150-156, 162, 163)*

7. *Appell — Aggravji — Motivi ta' sentenza vvizzjati bi ksur tad-dritt tal-Unjoni — Dispożittiv ibbażat fuq motivi oħra ta' dritt — Rifjut (ara l-punt 171)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla Estiża), tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni (T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-Kawżi T-30/01 sa T-32/01 li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Novembru 2000, li tinfetaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) KE fir-rigward tal-vantaġġi fiskali mogħtija permezz ta' dispożizzjonijiet adottati mid-Diputación Foral de Álava, mid-Diputación Foral de Guipúzcoa u mid-Diputación Foral de Vizcaya, taħt forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji lil ċerti impriżi ġodda stabbiliti, u, fil-Kawżi T-86/02 sa T-88/02, ċaħdet talba għall-annullament tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/28/

KE, 2003/86/KE u 2003/192/KE, tal-20 ta' Diċembru 2001, dwar skema ta' għajnuna mill-Istat implementata minn Spanja fl-1993 favur ċerti impriżi ġodda stabbiliti fil-provinċja ta' Álava (T-86/02), ta' Vizcaya (T-87/02) u ta' Guipúzcoa (T-88/02) (rispettivament ĠU 2003, L 17, p. 20, ĠU 2003, L 40, p. 11, u ĠU 2003, L 77, p. 1), taħt il-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji.

Dispożittiv

1) L-appelli huma miċħuda.

2) It-Territorio Histórico de Vizcaya – Diputación Foral de Vizcaya, it-Territorio Histórico de Álava – Diputación Foral de Álava, it-Territorio Histórico de Guipúzcoa – Diputación Foral de Guipúzcoa u l-Comunidad autónoma del País Vasco – Gobierno Vasco huma kkundannati f'partijiet indaqs għall-ispejjeż relatati mal-preżenti appelli.

3) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-9 ta' Ġunju 2011 – TF1 vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-451/10 P)

"Appell — Għajnuna mill-Istat — Artikolu 86(2) KE — Servizz pubbliku ta' xandir — Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet — Prova — Effettività ekonomika tal-impriża"

1. Għajnuna mogħtija mill-Istati — Proġetti ta' għajnuna — Eżami mill-Kummissjoni — Fażi preliminari u fażi kontradittorja — Kompatibbiltà ta'